**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 670 /2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Bartholomew Micallef**

Illum, 20 ta' Lulju 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq Bartholomew Micallef, ta' 45 sena, imwieled Pieta, fil-07 ta Frar 1974, iben John u Maria-Dolores nee Laus: residenti 25, Casa Canca, triq Gerolamo Gianni, San Gwann u detentur tal-karta ta l-identita 110874(M):

Akkuzat, talli nhar it-18 ta Marzu 2020 ghal-habta tal-10:00 ta filghodu minn gewwa 224, Alpinar, Triq Sliema, Kappara:

1. Ikkometta serq ta statwi u/jew ogetti ohra ghad-detriment ta Clive Falzon u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok, u bil-mezz.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tinstema bi procedura sommarja.[1]

Rat li fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2021 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhuwiex ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkuzi huma soddisfacjentement ippruvati.

Rat id-dokumenti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

[1] Folio 7 ta' l-atti processwali

Semghet lill-partijiet jitrattaw finalment fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta nhar it-18 ta' Marzu 2020 meta l-imputat dahal gewwa post u seraq diversi statwi.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Rat li l-imputat tenna l-ammissjoni tieghu fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk din ghandha tigi meqjusa bhala attenwanti.

Rat illi l-imputat wera dispjacir ta' ghemilu hekk kif jirrizulta mill-okkorenza.

Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat u gie wkoll ikkonfermat li din kienet l-ewwel darba li kien prova jisraq.

Rat illi l-partijiet jaqblu li l-imputat m'ghandux jinghata piena karcerarja izda wahda li hija alternattiva ghal dik li tinvolvi habs.

Il-Qorti tqis ukoll li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha, minghajr rizerva.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(e), 263, 264, 265, 266, 269(g), 278(1)(2), 281(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Bartholomew Micallef **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u

tilliberah bil-kondizjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum skont l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fisret is-sentenza lil hati skont l-arikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar is-6 ta' Lulju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**